MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Numru. 179/2009

**Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**
**vs**
**Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf bin Ali u Fatima mwielda Risgi, mwieled Sfax it-Tunezija fis-27 ta' Gunju 1982 u residenti Hal-Far limiti taz-Zurrieq (Tent Centre) li ghandu numru tal-karta tal-identita' 49044(A) u gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-27 ta' Frar, 2009 ghall-habta tas-2.30 ta' fil-ghodu waqt li kien fil-post maghruf bhal 'The Lion Bar' li jinsab fi Triq Efesu San Pawl il-Bahar ta daqqa ta' ponn kif ukoll bi flixkun f'wicc Saviour Cassar minn Hal-Qormi u kkagunalu offizi ta' natura gravi cioe' sfregju permanenti u dan skond ma' kif iccertifika t-tabib Joe Scicluna MD tac-centru tas-sahha tal-Mosta.

Fl-istess data, hin u lok, rrezista bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 935 Patrick Cassar, PC 382 Josef Paul Cardona u PC 797 Robert Tabone, li huma persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti.

Fl-istess data, hin u lok, kiser il-paci pubblika, bl-ghajjat, glied jew b'mod iehor.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 10 ta' Gunju 2009 (esebita a fol. 81 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) Fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tas-16 ta' Novembru 2009, l-imputat ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat li d-Difiza naqset milli tipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet finali entro t-terminu lilha koncess.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fis-27 ta' Frar 2009 ghall-habta tas-2.30am, fil-fond maghruf bhala 'The Lion's Bar', fi Triq Efesu San Pawl il-Bahar fejn Saviour Cassar il-propjetarju tal-imsemmi bar sofra griehi ta' natura gravi li hallew sfreggju permanenti skond ma' ccertifika Dr. Joe Scicluna li xehed waqt l-udjenza tal-24

ta' April 2009 fejn ikkonferma l-kontenut tac-certifkat mediku minnu rilaxxjat liema certifikat mediku jinsab inserit a fol. 13 tal-atti processwali. Mill-provi u senjatament mix-xhieda tal-vittma Saviour Cassar li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2009 jirrizulta li fid-data, lok u hin in kwistjoni kien hemm erba' rgiel ta' nazzjonalita' Gharbija qeghdin jixorbu fil-bar propjeta' ta' Cassar meta f'hin minnhom wiehed minn dawn l-irgiel, li x-xhud identifika bhala l-imputat beda' iwaddab il-flixken u meta huwa mar biex isiktu l-imputat xejjirlu daqqa ta' flixkun u laqtu f'wiccu u tajjarlu tlett isnien. Ix-xhud indika li huwa rnexxielu jwaddab lill-imputat barra mill-bar u meta ghamel hekk l-istess imputat beda' jaghti mal-hgiega tal-bieb u kiser l-istess hgiega ghaliex ried jerga' jidhol u kompla jaghmel hekk sakemm gew il-Pulizija fuq il-post u arrestaw lill-imputat. Saviour Cassar qal li qabel dan l-incident huwa qatt ma kien ra lill-imputat. Ix-xhieda ta' Saviour Cassar giet korroborata minn Alfred Wingfield li xehed waqt l-udjenza tal-24 ta' April 2009 fejn spjega li kien klijent tal-bar ta' Cassar u li kien ra lill-imputat ixejjer daqqa ta' flixkun lil Saviour Cassar waqt li dan tal-ahhar kien qed jipprova johorgu l-barra ghaliex beda' jaqla' l-inkwiet. Mill-provi rrizulta wkoll li meta l-Pulizija marru fuq il-post tal-incident ghaliex kienu gew mgharrfa mill-Control Room li kienet inqalghet glieda fil-Lion's Bar, huma ltaqghu mal-imputat fit-triq li qalilhom li kellu argument fil-bar ghaliex hadulu l-mobile. Meta xehed PS 935 Patrick Cassar waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2009 huwa kkonferma li kienu gew imsejha fuq il-post mill-Control Room u li kienu ltaqghu mal-imputat fit-triq waqt li kienu sejrin fuq il-post u qal li meta huma mxew wara l-imputat u waslu l-Lion's Bar hareg sid il-bar, Saviour Cassar, li kellu griehi f'halqu u snienu neqsin u dan infurmahom li kien ghadu kemm gie msawwat bi flixkun mill-imputat. Dan ix-xhud spjega li meta huwa prova jaghmel search fuq l-imputat dan irrezista l-arrest u kellu jigi mmanetjat u kien agressiv u beda' jghajjat u jipprova jerga' jhebb ghal Cassar. Meta huwa ddahhal fil-vettura tal-Pulizija l-imputat beda' jaghti bis-sieq u bir-ras mal-bibien u mal-hgieg tal-vettura tal-Pulizija u beda' jipprova jifqa' l-hgiega minn wara. Meta ittiehed fic-cella tal-Ghassa tal-Qawra l-imputat beda' jigri mac-cella bir-

rankatura u jaghti b'rasu mal-bieb tac-cella fejn spicca sabiex qasam mohhu u l-Pulizija ghalhekk haduh il-policlinic tal-Mosta sabiex jigi kurat izda huwa rrifjuta li jinghata kura u peress li beda' jghid quddiem it-tabib tal-policlinic li huwa ried joqtol lilu nnifsu l-istess tabib prepara l-karti sabiex l-imputat jittiehed Mount Carmel izda waqt li l-Pulizija kienu fi triqithom lejn Mount Carmel huwa biddel fehmtu u qal li ried jiehu l-kura u l-Pulizija ghalhekk haduh l-Isptar Mater Dei sabiex isirulu l-punti f'mohhu u mbaghad haduh lura l-Ghassa tal-Qawra ghaliex kien lahaq ikkalma fejn imbaghad gie mressaq b'arrest il-Qorti l-ghada filghodu. Dan kollu gie ukoll ikkonfermat minn PS 797 Robert Tabone li xehed waqt l-udjenza tal-24 ta' April 2009 u minn PC 382 Josef Cardona li xehed waqt l-udjenza tal-11 t'Awwissu 2009. Dawn ix-xhieda qalu wkoll li l-imputat kien xurban u li kellhom juzaw il-pepper spray waqt li huwa kien fic-cella sabiex ma jkomplix iwegga lilu nnifsu.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-22 ta' Lulju 2010 fejn qal li huwa kien qieghed f'bar Bugibba fejn inqalghet glieda u sid il-bar tefa' lil kulhadd il-barra u meta huwa prova jkellem lis-sid u jispjegalu li kellu l-mobile phone ghadu gewwa l-bar fic-charger dan irrispondih li ma kien ser jaghtih xejn. L-imputat qal li huwa beda' miexi lejn l-Ghassa izda ltaqa' mal-Pulizija fit-triq u wara li qalilhom x'gara dawn qalulu sabiex imur maghhom lura lejn il-Bar u wara li wiehed mill-Pulizija hareg mill-bar wara li gablu l-baskett dan poggieh mal-hajt u mmanetjah u x'hin waslu l-Ghassa dahlu fic-cella, nehhielu l-manetti, sprejjalu l-pepper spray fwiccu u tah daqqa ta' ponn.  Huwa sostna li ma kienx involut fil-glieda li nqalghet gol-bar u cahad li kien ta daqqa ta' ponn lil sid il-bar jew li beda' jaghti bis-sieq fuq il-bibien u l-hgieg tal-karozza tal-Pulizija jew illi rrezista l-arrest.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tiddikjara mill-ewwel li m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilta' tal-vittma Saviour Cassar u tal-membri tal-korp tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri dwar l-agir tal-imputat fil-gurnata in dizamina. Inoltre ix-xhieda tal-

vittma giet konfermata u korroborata minn xhud indipendenti li nzerta kien fil-bar u cioe' Alfred Wingfield. Il-Qorti jidrilha li mix-xhieda tal-vittma kif ukoll mix-xhieda tal-membri tal-Korp tal-Pulizija li saret referenza ghalihom aktar il- fuq fil-korp ta' din is-sentenza jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi konsistenti fi sfregju pemanenti lil Saviour Cassar u li huwa rrezista bi vjolenza lil Pulizija waqt li dawn kienu qed jagixxu in ezekuzzjoni tal-ligi kif ukoll li huwa kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati kif ukoll il-fatt li mill-atti jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri huwa rega' kiser dufrejgh mal-gustizzja u nstab hati ta' hsara volontarja u rezistenza bi vjolenza kontra Ufficjal Pubbliku u l-Qorti ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-10 ta' Settembru 2009 u senjatament l-Artikoli 214, 215, 218, 95, 96, 338(dd),17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) u erba' (4) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------